# Is-Sehem tal-Kunvent tal-Kapuċċini tal-Kalkara tul it-taqbida Tal-Maltin kontra l-Franċiżi 1798-1800

*Riċerka Storika ta' Fr. J.Garzia O.F.M. Cap.*

Bir-raġun kollu nistgħu ngħidu li l-kunvent tal-Kapuċċini tal-Kalkara, minħabba li nbidel fi trunċiera mill-Ingliżi għal kontra l-Franċiżi, kellu sehem attiv fit-taqbida għall-ħelsien ta' Malta. Il-Kunvent, li fih kien hemm diversi kanuni u suldati, biżżejjed ngħidu li l-post fejn jinġabru l-patrijiet biex jitolbu, eżattament wara l-altar maġġur, kien iservi bħala porvlista. Min hawn, is-suldati Maltin u Ingliżi, kienu dejjem lesti biex jirreżistu lill-Franċiżi li kienu assedjati fis-sur tas-Salvatur, kull meta kienu jippruvaw joħorġu mis-swar. Dan, il-Franċiżi kienu jagħmluh, jew biex jiġbru l-ħatab jew inkella biex jaraw il-qawwa tar-reżistenza tal-Maltin. Kien matul dawn l-eskursjonijiet li s-suldati Franċiżi ħadu l-injam kollu tal-kunvent: bibien, twieqi, kaxxarizzi, etc... ħalli jkollhom biex isajru u jisħnu fl-iljieli tax-xitwa.

Madwar il-kunvent kien hemm diversi trunċieri oħra, barra mill-fortizzi tar-Rikasli u dik ta' Santu Rokku. Waħda minn dawn it-trunċieri, kienet dik ta' "Santu Pietru" li llum insejħulu "St.Peter". Din iz-zona għandha storja nteressanti ħafna, anke minħabba l-fatt li anke fit-tieni gwerra dinjija, kienet reġgħet saret fortizza ta' importanza strateġika kbira.

Biex kulħadd jista' jifhem sewwa s-sehem kbir li kellu dan il-kunvent fit-taqbida kontra l-Franċiżi, deherli li l-akbar prova tkun dik tal-ħafna dikjarazzjonijiet li saru mis-sindku tal-kunvent, id-Duttur Ġużeppi Borg Olivier, minn diversi periti, kuntratturi tal-bini, mill-mastrudaxxa tal-kunvent u oħrajn. Dawn kollha raw b'għajnejhom stess il-ħerba li kien jinsab fiha l-kunvent meta l-Franċiżi ċedew u telqu. L-Ingliżi ħallsu l-ispejjeż kollha biex il-kunvent issewwa u reġa' ħa s-sura li kellu qabel l-invażjoni minn Napuljun Bonaparti u l-eżerċtu tiegħu. Is-somma totali tal-ħsarat fil-kunvent kienet ta' 8,408 skudi.

**Jibda l-attakk mill-Franċiżi**

Il-Ħadd bil-lejl, l-10 ta' Ġunju, 1798, kien jidher ċar li l-Franċiżi kienu se jattakkaw lil Malta ma' sbieħ il-jum. Hekk ġara, fl-erbgħa ta' filgħodu ta' dan il-jum bdew resqin lejn l-inħawi ta' San Ġorġ u San Ġiljan tletin biċċa ta' l-iżbark bis-suldati Franċiżi ġo fihom.



*Il-Knisja u d-djar tal-Kalkara kif jidhru minn fuq il-bejt tal-Kunvent.*

Il-Kapijiet tas-suldati Maltin f'San Ġorg, li kienu sittin Cacciatori u 1,200 Karkariżi tal-milizzja, ma ngħataw l-ebda ordni biex jagħmlu reżistenza kontra l-Franċiżi. Il-Maltin skantaw mhux ftit meta fost dawk li nizlu l-art mid-dghajjes Franċiżi kien hemm xi kavallieri li sa ftit qabel kienu Maltin u issa daru kontra l-Maltin.

Il-Kavallier Franċiż Bosredon Ransijat, ħabib personali tal-Gran Mastru Hompesch u segretarju tat-Teżor, kien wieħed minn dawk il-kavallieri li spija kontra Malta favur Napuljun. Dan kellu l-kuraġġ jistqarr, li meta hu ħa l-ġurament bħala kavallier, kien wiegħed li jiġġieled kontra l-Misilmin biex jiddefendi r-reliġjon Nisranija u mhux kontra ħutu l-Franċiżi.

**Napuljun jagħti ordnijiet lir-Reliġjużi**

Fil-ftit ġranet li dam Malta, Napuljun ħareġ diversi ordnijiet jew bandijiet. Fost dawk l-aktar li jinteressawna fuq il-kunvent tal-Kapuċċini tal-Kalkara u kunventi oħra, kienet l-ordni numru erbgħa li ħarget fil-13 ta' Ġunju skond Testa, filwaqt li skond Hardman fis-16 ta' Ġunju. Din kienet tgħid: 'Ma jistax ikun hawn, iktar minn kunvent wieħed għal kull Ordni Reliġjuż f'Malta. Il-Kummissjoni tal-Gvern flimkien ma' l-Isqof kellhom jiddeċiedu f'liema kunvent wieħed għandhom jinġabru r-reliġjużi ta' kull Ordni. Kull proprjeta' żejda minn dawn il-kunventi għandha tingħata lill-fqar.

Ir-reliġjużi Kapuċċini tal-Kalkara u ta' Għawdex inġabru fil-kunvent tal-Furjana. L-għeluq tal-kunventi qajjem ferment kbir fost in-nies kif ukoll xi ftit tat-taħwid fost ir-reliġjużi ta' l-istess Ordni.



*Triq Santa Liberata, li mill-kunvent tiegħu għas-sur tas-Salvatur, minn fejn il-Franċizi kienu jisparaw fuq il-kunvent.*

Din l-ordni ta' Bonaparti bdiet isseħħ fl-aħħar ta' Lulju. Kull reliġjuż kellu jieħu biss, mill-kunvent li kien se jitlaq minnu, il-ħwejjeġ personali u l-mobbli taċ-ċella tiegħu. F'dak iz-zmien dawn kienu: sodda, zewġ strippi, t-twavel u saqqu mimli bit-tiben, skansija, trepied, buqar u friskatur, u kaxxa kemm xejn imdaqqsa fejn kienu jpoġġu l-ħwejjeġ.

**Il-Kunvent tal-Kapuċċini Fuori le Mura jsir Trunċiera**

Peress li l-kunvent tal-Kapuċċini tal-Kalkara jinsab tefgħa ta' ġebla 'l bogħod mis-swar tas-Salvatur u dak ta' San Alwiġi, kien sar oġġett tad-dagħdigħa tal-Franċiżi. Meta bdiet ir-rewwixta tal-Maltin kontra l-Franċiżi, fit-2 ta' Settembru 1798, il-Franċiżi ingħataw ordni mill-Ġeneral Vaubois biex jingħalqu fis-swar. Il-Kaptan Alexander John Ball, li aktar tard wara li l-Franċiżi telqu minn Malta, kien sar l-ewwel amministratur ta' Malta taħt l-Ingliżi, ta ordni li l-kunvent tal-Kapuċċini jsir trunċiera. Din l-ordni kienet imsaħħa u approvata mill-Ġeneral Thomas Graham u mill-Inġinier Kaptan William Gordon. Il-kunvent tal-Kapuċċini tal-Kalkara għalhekk, inbidel fi trunċiera kontra l-Franċiżi assedjati fis-swar li semmejna hawn fuq.

**L-istima tal-ħsarat minn Ġużeppi Abela**

Ir-rapport li għamel dan il-mastrudaxxa tas-sengħa, bħala l-mastrudaxxa uffiċjali tal-kunvent, flimkien ma' dak li għamlu ż-żewġ periti, Ġużeppi Carabott u Silvestro Cachia, kienu l-aktar xhieda importanti. B'sens ta' responsabbiltà kbira, huma eżaminaw kull parti u kull oġġett li kien jinsab fil-kunvent u fil-knisja, pprezzaw kull ħaġa individwalment, u taw is-somma totali biex tiġi ppreżentata lill-awtoritajiet tad-dipartiment tal-ħsarat tal-gwerra, li issa kien taħt it-tmexxija ta' l-Ingliżi. Il-Ħakem ta' Malta issa kien l-Ammirall Sir Alexander Ball, li kien hu stess li ordna li l-kunvent isir trunċiera.

Is-somma ta' Ġuzeppi Abela kienet infatti ta' 4,343 skud u dik taż-żewġ periti flimkien, kif naraw 'il quddiem, telgħet għal 4,065 skudi, li flimkien iġibu 8,408 skudi.

Ir-rapport finanzjarju tal-ħsarat minn Abela huwa dan:

**JIXHED ĠUŻEPPI ABELA BIN IL-MASTRU FRANĠISK ABELA, INĠINIER**

*Jiena hawn taħt iffirmat, bil-ħsieb li tinsab il-verità mfittxija, nixhed li billi fl-imgħoddi flimkien ma' missieri, l-inġinier magħruf bħala Mastru Franġisk Abela, kont u għadni l-mastrudaxxa tas-sengħa tal-miqjum kunvent tal-Wisq Reverendi Patrijiet Kapuċċini tal-Birgu, taħt it-titlu ta' Santa Liberata, jiena ninsab fil-pożizzjoni li niżgura, nikkonferma u nixhed dan li ġej:*

*Qabel l-invażjoni ta' din il-Gżira mill-Franċiżi u sakemm bdiet ir-rewwixta kontra tagħhom, l-injam kollu ta' l-istess kunvent u tal-knisja, jiġifieri l-bibien kollha, t-twieqi kollha, l-kaxxarizzi kollha, l-armarji kollha, nsomma l-injam kollu bla ebda eċċezjoni ta' xejn, kienu kollha f'kondizzjoni tajba u skond kull regola. Kellhom kollha s-sokra u l-firrolli.*

*Wara li spiċċa l-istat ta' gwerra tal-Maltin kontra l-Franċiżi u seħħet l-għaqda bejn il-Belt Valletta u l-kampanja, jiena ġejt imsejjaħ mill-Wisq Reverendu Patri Gwardjan Ġużepp Anton, li llum jinsab mejjet, biex nosserva l-ħsarat li kienu saru fil-kunvent u fil-knisja. Malli dħalt ħassejtni barra minn sensija, l-għaliex ma rajtx ħag'oħra ħlief ħerba u qirda. L-kunvent u l-knisja kienu mingħajr bibien u twieqi u bla ebda njam ieħor. Kellhom aktar xeħta ta' Barumbara tal-ħamiem, milli ta' kunvent imqaddes.*

*Illum erġajt mort mill-ġdid f'dan il-kunvent u l-knisja, fuq talba tal-Patri Gwardjan preżenti, il-Wisq Reverendu Patri Pietru Pawl. Wara li kejjilt u għamilt l-osservazzjonijiet meħtiega, kif ukoll riflessjonijiet serji, eżaminajt u qiegħed neżamina l-ħsarat kollha, wasalt biex nistabbilixxi l-ispejjeż tal-ħsarat kif jidher hawn taħt:*

| | |
|---|---|
| 1. Tmienja u tletin bieb taċ-ċelel bl-għaxar skudi u tliet tari l-wieħed, li flimkien iġibu: | 389.6- |
| 2. Erbgħa u erbgħin tieqa ta' l-istess ċelel b'erbgħa skudi l-waħda: | 176.0- |
| 3. Disa' twieqi kbar tal-kuruturi fejn hemm iċ-ċelel, bil-prezz ta' 12 il-skud u sitt tari: | 112.6- |
| 4. Erbgħa bibien doppji fis-sular ta' fuq, bi 18-il skud-il wieħed: | 72.0- |
| 5. Wieħed u tletin bieb fis-sular t'isfel, bit-18-il skud-il wieħed: | 558.0- |
| 6. Għaxar bibien oħra bl-10 skudi u 3 tari l-wieħed: | 102.6- |
| 7. Disgħa u tletin tieqa tal-knisja, purtelli u ħġieġ taż-żewġ korijiet, tar-refertorju u tal-kċina, bit-12-il skud u sitt tari l-biċċa: | 481.6- |
| 8. Ħmistax l-armarju fil-korijiet, fis-sagristija u fir-refertorju, bil-ħames skudi l-wieħed: | 75.0- |
| 9. Sebgħa u għoxrin grada tal-ħadid fil-knisja, fis-sagristija, fil-kor, fil-kċina u fir-refetorju: bl-20 skud il-waħda: | 540.- |
| 10. Tliet ċmieni tal-kċina u ta' l-infermerija u diversi oġġetti oħra ta' l-injam f'xi ufficini: | 60.- |
| 11. Raff għad-damask: | 30.- |
| 12. Kaxxarizz tal-Librerija: | 110.- |
| 13. L-injam taż-żewġ korijiet, bil-paviment ta' l-injam tal-kor ta' fuq: | 800.- |
| 14. Kaxxarizz tas-sagristija: | 750.- |
| 15. Tlettax-il travu tal-maħżen u ta' xi kmamar: | 80.- |
| Dawn il-kontijiet flimkien jagħmlu s-somma ta' erbat elef tliet mija u tlieta u erbgħin skudi: | - 4343. – |

Nistqarr dan t'hawn fuq bil-fedeltà kollha.

Illum 13 ta' Awissu, 1824.

(firma ta') Ġuzeppi Abela.

Iffirmata fil-preżenza tiegħi mill-imsemmi Ġużeppi Abela, bin il-mejjet Franġisk Abela minn Bormla.

Illum 13 ta' Awissu, 1824.

Din hija l-verità.

Vincenzo Trionfi – Nutar Malti.

**X'KIENET IR-RAĠUNI LI L-FRANĊIŻI ĦADU L-INJAM KOLLU TAL-KUNVENT U L-KNISJA?**

Billi l-Franċiżi, fil-każ tagħna, kienu assedjati ġewwa s-sur tas-Salvatur u ma setgħux joħorġu minn hemm kif ġieb u laħaq, għax il-Maltin kienu għassa tagħhom il-ħin kollu, kien spiċċalhom il-ħatab. Mingħajru la setgħu jsajru u lanqas jissaħħnu fix-xitwa. Billi l-portijiet kienu kollha mgħassa mill-frejgati Ingliżi, ma setgħux jirċievu l-bżonnijiet tagħhom minn Franza kif kienu soltu jagħmlu qabel ir-rewwixta.



*Il-kor t'isfel fejn jitolbu l-patrijiet, li fiż-żmien li l-kunvent kien trunċiera, s-suldati Maltin u Ingliżi, kienu jżommu fih il-krietel tal-porvli tal-kanuni u l-ixkubetti.*

Tant kien naqas il-ħatab, illi Vaubois kien ta ordni li jitkissru erba' bastimenti Franċiżi, bil-ħsieb illi jkollhom proviżjon ta' ħatab għal madwar xahar. Għalhekk is-suldati Franċiżi, li kienu magħluqa fis-sur tas-Salvatur jew fir-Rikażli, sabu okkażjoni f'waqtha li jfornu lilhom infushom bil-ħatab, billi jieħdu kull biċċa njama li kien hemm fil-kunvent u fil-knisja tal-patrijiet Kapuċċini fil-Kalkara. Niftakru li fil-kunvent ma' kienx hemm patrijiet, għax dawn kienu ġew imġiegħla minn Napuljun jitilqu minn dan il-kunvent u jirtiraw f'dak tal-Florjana, flimkien ma' ħuthom il-patrijiet, li qabel kienu fil-kunvent ta' Għawdex.

In-nuqqas ta' ħatab, kienet waħda mir-raġunijiet serji li minħabba fihom il-Franċiżi kellhom jerħu lil Malta f'idejn l-Ingliżi.

**Appell mis-Sindku Appostoliku tal-Kunvent**

**F'isem Il-Patrijiet Kapuċċini tal-Kunvent barra Vittoriosa:**

*Talba għal 8,408 skudi għall-ħsarat li prinċipalment wieħed ma jistax jaċċettahom li ġraw b'mod naturali.*

*Eċċellenza Nobilissima:*

*Il-Kavallier u Duttur Ġużeppi Borg Olivier, bħala sindku appostoliku tal-kunvent tal-patrijiet Kapuċċini mibni barra s-swar tal-Belt Vittoriosa, serv l-aktar umli u ubbidjenti ta' l-Eċċellenza Tiegħek Nobilissima, bil-qima kollha jqisu bħala unur li jġiblek quddiem għajnejk, li fl-okkażjoni tal-gwerra li għaddiet kontra l-Franċiżi, li kienet imġarrba bil-qlubija mill-qawwiet ta' l-ibliet u minn dawk tal-kampanja, dan il-kunvent kien sar l-oġġett tad-dagħdigħa tal-Franċiżi minħabba t-trunċiera li twaqqfet ħdejn il-kunvent b'ordni ta' l-inġinier-kmandant William Gordon.*

*Dawn il-ġrajjiet damu sejrin għal perjodu ta' madwar sentejn, u ħallew sensiela ta' ħsarat f'dak li għandu x'jaqsam mal-fqajrin Kapuċċini, li dawn, meta ċedew il-pjazza tal-kunvent lill-forzi armati Brittaniċi tal-Maestà Tiegħek, li inti s-Sovran komuni tagħna, sabu l-kunvent imfarrak għal kollox mill-balal tal-kanuni u mill-mezzi l-oħra kollha li wżaw il-Franċiżi kontra din it-trunċiera. F'dan l-istat tal-biki li fih kien jinsab dan il-kunvent, it-twajba reliġjużi, ma sabuhx adatt iżjed għalihom biex jgħixu fih, la l-knisja, la ċ-ċelel u lanqas il-postijiet oħra.*

*Għalhekk, użaw il-flus tal-ġbir li kellhom imġemmgħin u li kien iżommhomlhom il-prokuratur tagħhom. Wara li ħadu d-deċiżjoni tal-periti biex jirfdu il-knisja permezz ta' loġoġ u jirranġaw il-kunvent b'mod l-aktar ekonomiku, iżda mhux ta' sura li jibqa' hekk għal dejjem, biex ikunu jistgħu jidħlu fih u jergħgħu jibdew id-doveri spiritwali tagħhom. Dan jidher ċar mid-diversi xhieda bil-miktub li jinsabu mehmużin ma' din l-ittra, u min qed jikteb f'isem il-patrijiet Kapuċċini, qiegħed jehmiżhom umilment għall-attenzjoni ta' l-Eċċellenza Nobilissima Tiegħek.*

*Minkejja dak kollu li għamlu r-reliġjużi Kapuċċini f'dak iż-żmien, anki b'sagrifiċċju ta' l-affarijiet għall-għajxien tagħhom, huma ma rnexxilhomx isewwu l-ħsarat fil-kunvent skond ir-regoli ta' l-arti, minħabba n-nuqqas ta' mezzi finanzjarji. L-anqas ma setgħu jsewwu postijiet oħra fil-kunvent li ġġarrfu u li għadhom hekk sal-lum.*

*Għalhekk, il-kittieb ta' din l-ittra, bħala l-prokuratur appostoliku ta' l-imsemmi kunvent, u li bħala tali għandu d-dover li jieħu ħsieb il-bżonnijiet komuni jew materjali ta' kuljum tagħhom, umilment jitlob l-Eċċellenza Tiegħek, li jogħġbok tieħu fi ħsiebek il-biċċa tal-ħsarat li huma sofrew, u tordna, illi fiċ-ċirkostanzi kif jinsabu issa, dan il-kunvent għandu jissewwa, biex il-patrijiet ikunu jistgħu jaraw il-kunvent fl-istess stat li kien jinsab fih qabel bdiet ir-rewwixta.*